MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Numru. 835/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**KONTRA**

**WILLIAMS DIONISIIOS ANGELOS CORITO ta’ 32 sena, iben Emmanuele u Georgio nee’ Borg, imwieled il-Grecja nhar id-29 ta’ Settembru, 1977, residenti fil-fond numru 66, St Michael’s House, Triq San Mark, San Giljan, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 367398M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **WILLIAMS DIONISIIOS ANGELOS CORITO** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar it-12 ta' Ottubru, 2003 f'xi hin bejn nofs il-lejl ta' bil-lejl (0.00hrs) u s-siegha ta' fil-ghodu (01.00hrs), gewwa l-istabbiliment Sinners in Heaven sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Alan Farrugia minn San Gwann, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies, bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(mm) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli kiser ordni tal-Qorti ta' nhar it-12 ta' Awwissu, 2001, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat li waqt l-interrogatorju wiegeb illi ma kienx hati ta' l-istess akkuzi;

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema mahsuba li tinstab htija u cioe' l-Artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 338(dd), 338(mm), 49, 50, 31, 20, 17(c), 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi Alan Farrugia, il-parte leza, xehed illi kien is-Sibt u kien gewwa Paceville, go lokal jismu 'Sinners in Heaven'. Hawn kien ma' shabu Justin Axisa, Tylos Axisa, u Chris

Pace. Xehed illi f'daqqa wahda wiehed mis-securities kecca 'l barra lil siehbu Chris Pace. Zied illi ghaliex il-barman kien qieghed jaqdiehom, hu, meta dan hareg minn wara l-bar, mar u ghannqu. Qal illi f'daqqa wahda mar security gharbi, qabdu minn idu, u tefghu 'l barra. Beda jistaqsi lil dan ghaliex kellu jitlaq 'il barra, jghid illi f'daqqa u l-hin mar wiehed minn warajh, qalaghlu daqqa go dahru b'xi haga iebsa. Jghid illi dan kien jismu William. Indika lill-imputat. Jghid illi mad-daqqa rasu nfethet. Qal illi dak il-hin harguh is-securities, u li hawn qala' daqqa ohra f'genbu dejjem minghand l-imputat, daqqa ta' sieq, hawn jghid illi waqa' ma' l-art. Anke hawn xehed illi kompla jaqla', anzi jzid illi l-imputat tah daqqa ohra fuq widnejh il-leminija.

Jghid illi d-daqqa go rasu saret b'xi haga iebsa u li tahielu l-Bully, l-imputat, nonostante li hdejh kien hemm hafna nies.

Innega li fuqu kellu pepper spray, li sabu l-pulizija gewwa l-Isptar.

Xehdu wkoll diversi minn shab Farrugia, prezenti dakinhar ta' l-incident in dezamina.

Ghalhekk Sinclair Sammut xehed illi dan Alan li kien fis-sakra beda jkellem persuna u waqa' u din il-persuna ghajtet lis-securities u bdew jiggieldu. Dan ix-xhud qal illi Alan waqa' ma' l-art ghax kien ser jizloq. Jghid illi Alan beda jghannaq lil persuna, hawn Alan waqa', anzi jghid illi zelaq ghax 'hu', folio 185, imbuttah.

Mistoqsi jekk kienx jaf lill-imputat, wiegeb illi ma kienx jafu ghaliex kien hemm sitta minnhom mhux wiehed biss.

Clayton Felice wkoll kien is-Sinners in Heaven ma' Alan u shabu. Dan xehed illi Alan ghannaq wiehed mis-securities li kien mal-bar. Alan waqa' b'dan is-security. Dan ghajjat lis-securities l-ohra u tefghu lil dan ix-xhud 'il barra. Hawn sab lil Alan ma' l-art, miftluh minn sensieh kwazi f'nofs it-triq.

Mistoqsi jekk kienx jaf lill-imputat, wiegeb 'nafu imma mhux li rajt hemm hekk. Kien hemm hafna.' (folio 191). Qal ukoll meta mistoqsi jekk rax lill-imputat jaghmel xi haga li le, stante li kien hemm gegwigija.

Justin Axisa wkoll fil-kumpanija ta' Alan Farrugia dakinhar ta' l-incident, qal illi kienu qeghdin jixorbu gewwa s-Sinners in Heaven, hemm kienu 'naqra happy', Alan ghannaq xi wiehed mill-barmen u hemm ma jafx x'gara ghaliex fi kliemu ggakkjawh 'il barra. Xehed illi meta gie ggakkjat 'il barra, sab lil Alan Farrugia miftugh ma' l-art, ma jghidx kelma. Jghid illi hu gie mitfugh barra mis-securities pero li ghalkemm kien ilu jixrob hemm ma' Alan, ma kienx involut fi glied.

Darren Debono huwa wiehed mis-securities li kien qieghed jahdem gewwa 'Sinners in Heaven' dakinhar ta' l-incident bhala security. Qal illi hu gie msejjah gewwa, ra hafna nies fuq xulxin jaghtu u jargumentaw, qabad wiehed minnhom u hargu 'l barra. Jghid illi nvoluti f'din il-glieda kine hemm ukoll il-partners tieghu, ukoll securities. Xehed illi ra lil shabu s-securities jippruvaw iferrqu dawn in-nies li kienu taht l-effett ta' l-alcohol u li kienu qeghdin jiggieldu.

Ftakar ukoll illi siehbu William (l-imputat), beda jwiddeb persuna, li bdiet tavvicinah b'idejha fil-but, biex tnehhi jdejha mill-but, pero din il-persuna beda jersaq lejh. Hawn skond dan ix-xhud, William resaq lura u mbotta lil din il-persuna li bdiet miexja fuqu b'idejha fil-but (folio 223). Xehed li allura l-iehor waqa' lura hgax William imbuttah.

Daniel Micallef ukoll kien fil-kumpanija ta' Alan Farrugia u shabu, allura kien maghhom gewwa 'Sinners in Heaven'. Xehed ukoll illi Alan Farrugia beda jiggieled ma' wiehed mis-securities ghaliex dawn riduh johrog 'il barra. Qal ukoll illi Alan lil dan ir-ragel kien ser iwaqqghu meta mar jghannqu ghaliex Alan kien fis-sakra. Zied ukoll illi hargu 'l barra u hemm sabu lil Alan ma' l-art. Mistoqsi jekk rax lill-imputat f'din il-glieda, wiegeb illi ma kienx jiftakar.

Qal ukoll illi daru mieghu erbgha minn nies. Ghajjat wiehed minnhom biex ikellmu barra, dan qabad flixkun u xejru fuqu. Jghid illi dan kien l-istess persuna li waqqa' lill-manager (ghalkemm hu ma kienx hemm meta gara dan l-incident). Jghid ukoll illi barra ra persuna qisu gej u beda jghajjat "arhemm arhemm" lejn l-imputat. Ghalhekk skond dan ix-xhud l-imputat dar u mbuttah. Jghid ukoll illi dan it-terz kien gej mill-faccata, b'idu fil-but. Xehed ukoll illi dan ir-ragel baqa' ma' l-art.

Mario Micallef, security iehor, xehed illi xi hadd ghajjat ghal back-up, sakemm wasal sab konfuzjoni kbira ta' nies. Ma ra xejn.

Ronald Axisa, ukoll security iehor, xehed illi ntalab back-up. Sab lil dak li spicca l-Isptar imdawwar ma' ghonq il-manager. Axisa qal illi l-manager kellu kexxun tal-flus f'idu, ghalhekk dan ix-xhud haseb illi kienet ser issir xi serqa. Xehed illi kien hemm xeba gegwigija u xeba glied, hafna nies li bdew jiggieldu. Jghid illi x'hin rega' hareg barra ra lil persuna li aktarx marret l-Isptar ma' l-art – dan kien l-istess persuna li kienet ma' ghonq il-manager. <u>Ma jeskludiex illi seta' kien hu li hareg lil din il-persuna 'l barra, cioe' lil Alan Farrugia.</u>

Ikkonferma li l-Bully, cioe' l-imputat, imbotta, tmattar (il-kelma li uza a folio 334), biex jevita lil Alan Farrugia, meta l-istess xhud widdbu li seta' kellu xi haga gol-but. Ippreciza li l-Bully mhux ta daqqa lil Alan Farrugia pero mbuttah, mozzjoni li l-Qorti, wara li rat il-mossa li beda jaghmel Axisa b'idu, iddeskrivietha bhala 'warding off' (folio 316).

Rat ukoll ix-xhieda ta' xhud okulari ghal kollox indipendenti mill-incident, certu Sarah Micallef. Tghid illi kienu ghaddejin minn fejn Sinners in Heaven, hemm spiccaw b'cirku ta' glieda. Tghid illi rat bouncer u guvni u li l-guvni kien jidher stordut hafna. Hasbet illi kien fis-sakra, pero rat ukoll naqra demm. Rat illi l-bounder imbotta lil dan il-guvni, ghax dan mar fuqu u ghalhekk il-bounder imbuttah b'idejh. Qalet illi bid-daqqa dan il-guvni waqa' ma' l-art, tghid illi waqa' qisu clown, rega' qam u rega' mar

ghal fuq il-bouncer. Imbaghad dan il-bouncer tah daqqa ta' ponn go rasu. Tghid illi d-daqqa vera kienet kerha ghaliex semghet rasu tfaqqa' ma' l-art. Tiddeskrivi lil dan il-bouncer kien liebes uniformi ta' Sinners in Heaven.

Tghid ukoll illi hi ghax kienet studenta tan-nursing marret taghti ghajnuna lil dan il-guvni. Iddeskriviet lil dan il-bouncer bhala twil, mibni, u bjond, xagharu car hafna. Tghid illi xagharu mqaxxar u li kien vera twil. Mistoqsija kinitx qieghda tara lil dan il-bouncer gewwa l-Qorti, wiegbet illi le (folio 126). Mistoqsija in kontro ezami jekk il-bouncer li rat fl-ewwel okkazjoni kienx l-istess bouncer li ta daqqa ta' ponn, wiegbet illi iva in kwantu l-incident kien bejnet biss dan il-guvni u l-bouncer. Ghalhekk ziedet illi dik id-deskrizzjoni li tat tal-bouncer kienet dejjem ta' l-istess u l-uniku wiehed.

PS 1492 Joseph Pace prezenta l-PIRS repport ta' l-incident in dezamina bhala DOK JP. Jirrizulta li r-rapport li sar a tempo vergine kien li Corito u Axisa kienu t-tnejn involuti ma' Farrugia u li meta raw lil Farrugia b'idejh fil-but, Corito mbuttah (folio 146).

Xehed ukoll Dr Jonathan Joslin dwar il-griehi sofferti minn Alan Farrugia. Qal illi kelluk depressed fracture u nefha fuq mohhu. Dawn il-griehi kompatibbli ma' blunt trauma. Tant kien gravi li ddahhal l-ITU u kien anke intubbat Iddeskriva l-griehi bhala gravi. Spjega li dan Farrugia kellu ksur fl-iskutella ta' rasu, bil-konsegwenza li l-ksur kien imdahhal gewwa fil-mohh, bil-konsegwenza li allura l-mohh kien minfuh. Mistoqsi jekk dawn l-griehi kinux kompatibbli ma' waqgha, wiegeb li seta' kien hekk. Qal ukoll illi ma kienx soltu li daqqa ta' ponn, jekk ma jintuzax xi strument, kienet tikkaguna dawn it-tip ta' griehi.

Xhud iehor li ta dawl fuq dan l-incident kien wiehed mahtur bl-inkjesta Dr Michael Sammut, bhala tossikologista. Qal illi fil-kaz ta' Alan Farrugia, kellu livell ta' alcohol ta' 249mg/100ml, ghalhekk dan ifisser li kien taht l-influwenza qawwija ta' alcohol. Ta ezempju li bniedem ma jistax isuq jekk ikollu livell ta' 80mg. Vide relazzjoni DOK MS a folio 278.

Senjali wkoll dak li rrizulta mir-relazzjoni ta’ Robert Cardona gia’ nominat bhala serologista fl-Inkjesta. Tul is-smiegh tal-provi, b’mod partikolari dik tal-bouncers, issemma s-suspett ta’ pepper spray. Aktar tard l-Ispettur Robert Gregory qal fix-xhieda tieghu, li dan il-pepper spray instab fuq aktar tard wara l-incident, l-Isptar fuq il-hwejjeg tal-vittma Alan Farrugia. Ghalhekk mir-relazzjoni tas-SOCO (folio 172), jirrizulta li huma ghaddew lis-serologista borza bil-hwejjeg ta’ Alan Farrugia, dokumentata 03 CRI 04. Ghalhekk mir-relazzjoni tas-serologista DOK RC, a folio 245, jirrizulta l-presenza ta’ bott spray mill-hwejjeg ta’ Alan Farrugia.

L-ahhar prova mressqa mill-Prosekuzzjoni li ghandha tigi ezaminata hija l-istqarrija mehuda mill-imputat, ezebita a folio 20 bhala DOK RG 1.

Qal l-imputat f’dan l-istadju fl-investigazzjoni li huwa kellu ghajta ghal back-up fuq in-naha ta’ gewwa tal-bar. Flimkien ma’ securities ohra mar lejn it-toilets, hemm sab gegwigija kbira. Qal illi kien hemm wiehed jghidulu l-kampjun iggranfat ma’ ghonq il-head barman, certu Godwin. Jghid illi qalghu minn ma’ Godwin u pogga lil dan safe. Dar u ra lill-kampjun ixejjer flixkun lejh u lejn Godwin. Jghid illi dan kien circa zewg metri ‘l boghod minnhom. Ronnie hadlu l-flixkun minn idu, illukkjah u hargu ‘l barra. Jghid illi hu hareg xi nies ohra li kienu nvoluti fil-glieda. Jghid illi darba barra, l-klikka tal-kampjun regghu bdew jilletikaw barra. Kien hawn illi ra lill-kampjun sejjer lejh b’idu tal-lemin fil-but, hawn Ronnie avzah li dan kellu xi haga bil-but. Jghid illi l-kampjun beda jghid ‘Inpattihielkom’. Qal illi meta ra hekk resaq lura, hareg idejh u mbuttah. Jghid illi hu mbuttah bil-hasda. Qal ukoll illi ma l-imbuttatura waqa’ ma’ l-art fuq il-warrani tieghu u qisu mtedd. Innega li tah bil-ponn.

Ikkunsidrat:

Illi hija l-fehma ta’ din il-Qorti li mill-provi prodotti ma jirrizultax uniformita’ tal-mod kif wegga’ Alan Farrugia. Li

dan Farrugia wegga’ zgur li ma hemmx dubbju, Dr Jonathan Joslin kien ferm car fir-rigward tan-natura tal-griehi minnu sofferti.

Alan Farrugia biss (enfasi tal-Qorti) indika lill-imputat bhala dak illi lilu kkagunalu l-griehi minnu sofferti. Hadd izjed minn shabu li kienu qeghdin jakkumpanjawh go Sinners in Heaven ma mputa xejn lill-imputat, xehdu li ma raw xejn fil-gegwigija u li Alan kien gia’ ma’ l-art barra meta hargu huma.

Ix-xhud okulari Sarah Micallef li rat lill-bouncer kemm jimbotta kif ukoll jaghti bil-ponn lil Farrugia, iddeskriviet lill-istess bouncer bhala bjond, xagharu cara – f’ghajnejn il-Qorti xaghar l-imputat quddiemha qatt ma kien ta’ dan il-lewn sal-provi prodotti. Oltre dan, l-istess Micallef ma gharfitx lill-imputat bhala dak l-aggressur.

Minn naha tieghu l-imputat jammetti, kif del resto jirrizulta mix-xhieda okulari ta’ shabu securities, li hu verament imbotta lill-kampjun (Alan Farrugia), pero nnega li hu qatt tah daqqa ta’ ponn. Minn naha tieghu Alan Farrugia kien insistenti li hu fil-fatt qala’ minghand l-imputat, waqt illi ghadu gewwa, daqqa ta’ ponn b’xi haga iebsa (enfasi tal-Qorti). Ebda haga iebsa ma rrizultat. Minn naha l-ohra, Alan Farrugia kien neganti li hu kellu bott pepper spray fuqu. Pero ghalkemm ma jirrizultax xi tip ta’ bott instab, irrizulta mir-relazzjoni tas-serologista li mal-hwejjeg ta’ Alan Farrugia, gie mghoddi mis-SOCO ukoll bott spray zghir.

Issa accettanti l-imputat li hu verament imbotta lill-kampjun, Farrugia, ghaliex rah gej lejh u b’idejh fil-but, l-istess imputat jghid illi ghamel hekk ghax inhasad. Farrugia ma tali mbottatura waqa’ ma’ l-art – dan il-fatt tal-waqgha ta’ Farrugia zgur li qatt ma seta’ gie meghjun mill-ammont ta’ alcohol li kien ikkonsma l-istess Farrugia, dan kif premess. Terga’ u tghid, mix-xhieda ta’ Dr Jonathan Joslin il-griehi sofferti minn Farrugia kienu verament kompatibbli ma’ waqgha mhux daqqa ta’ ponn kif insista Alan Farrugia. Illi accettanti l-fatt illi l-imputat verament imbotta lil Farrugia, dan neganti li kellu xi tip ta’ spray

fuqu, l-imputat jghid illi ghamel hekk biss ghax inhasad minn Farrugia meta rah sejjer ghal fuqu. Ghalhekk din il-Qorti lesta li taghmel taghha t-tezi tad-Difiza li hawn l-imputat agixxa biex jiddefendi l-inkolumita' tieghu, ghalhekk tqies anke fid-dawl ta' dawk ix-xhieda kollha prodotta li l-ghemil ta' l-imbottatura hija wahda gustifikata f'ghajn il-Ligi in kwantu l-imputat kien hawn qieghed jiddefendi lilu nnifsu milli jigi aggredit minn Farrugia – ghaldaqstant qieghda tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------